L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Gimgha, 12 ta' Marzu, 2021** fid-09:30 a.m. fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Dehru whud mill-membri tal-familja.

Deher Dr. Chris Soler ghall-Avukat tal-Istat.

Il-Bord jirrileva li kull min ghandu interess illi jipprezenta sottomissjonijiet quddiemha dan jista' jaghmlu sal-ahhar ta' Marzu 2021.

Dehru Dr. Vincienne Vella u Dr. Stephania Azzopardi ghall-Kummissarju tat-Taxxa, Marvin Gaerty.

Il-Qorti ordnat li l-gurnalisti johorgu mill-Awla peress li x-xhieda li ser jixhdu llum ser jixhdu fil-maghluq.

**Xehdu flimkien Marvin Gaerty u Tarcisio Scicluna** bil-Malti u bil-gurament (fil-maghluq).

L-Avukat Dr. Therese Comodini Cachia ser tghaddi lid-Dipartiment tat-Taxxi domandi illi hemm bzonn illi jitwiegbu bil-miktub u dawn jigu prezentati direttament lil dan il-Bord.

Il-Bord qed jaghti direzzjoni lil Dr. Therese Comodini Cachia u lil Dr. Jason Azzopardi sabiex jitolbu lill-Qorti tal-Magistrati li qed tmexxi l-kumpilazzjoni fil-konfront tal-ahwa Degiorgio sabiex ix-xhieda li inghatat minn Vince Muscat tkun disponibbli ghal dan il-Bord.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Gimgha, 16 ta' April 2021 fid-09.30 a.m.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta